29 ta' Mejju, 1952
Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.
Walter Bellizzi *versus* Vincent Cachia

**Sentenza — Board tal-Kera — Eżekuzzjoni — Kompetenza — Art. 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — — Art. 21 (2) Kap. 109 — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 238 ta' l-1931.**

*Għalkemm huwa eżatt li l-Board tal-Kera għandu l-poter, b'liġi espressa, li jagħti eżekuzzjoni għas-sentenzi tiegħu, dan ma jfissirx ineluttabilment u dejjem li kull kwistjoni li jista' jkollha xi influwenza jew riperkussjoni fuq l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' dak il-Board għandha tiġi diskussa u definita biss minn dak il-Board. Il-prattika kostanti tgħallem li jistgħu jinqalgħu każi fejn dina l-eżekuzzjoni tiġi ostakolata minn dritt jew pretensjoni li l-awtorità li tkun emanat is-sentenza ma tkunx kompetenti li tiddeċidiha; bil-konsegwenza li għal dak l-iskop trid tiġi adita l-awtorità skond il-liġi kompetenti, ħafna drabi diversa minn dik li tkun emanat is-sentenza li tagħha tkun qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni.*

*B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, fil-każ preżenti, ġie ritenut illi l-Qorti ordinarja kienet kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur, li talab id-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet naxxenti favur tiegħu minn sentenza tal-Board tal-Kera, u in difett biex il-Qorti tiffissalu terminu biex fih jagħmel xi xogħlijiet lilu ordnati b'dik is-sentenza tal-Board.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi d-dikarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress illi l-Board tal-Kera, b'sentenza tas-26 ta' Settembru 1951 fil-kawża "Cachia vs. Bellizzi", ordna lill-attur biex fi żmien sitt xhur jiżgombra mill-fond 132 Pretty Bay, Birżebbuġa, peress li l-konvenut ried dan il-fond għall-użu tiegħu u kien offra lill-attur bħala "alternative accommodation" il-fond nru. 13 Żurrieq Road, Birżebbuġa; u peress illi xi ġranet qabel ma għalqu l-imsemmijin sitt xhur il-konvenut naqqas mill-kumditajiet tal-fond 13 Żurrieq Road, Birżebbuġa, billi mbarra l-bieb li jagħti għall-bitħa u ġnien; u peress illi b'hekk dan il-fond ma baqax "available" u lanqas "suitable", l-attur kien u għadu ġustifikat jirrifjuta li jmur fih u jħalli l-fond fejn qed jabita, 132 Pretty Bay, Birżebbuġa,

u l-konvenut iddekada mid-drittijiet li tagħtu l-imsemmija sentenza; jiġi minn din il-Qorti dikjarat illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet naxxenti favur tiegħu mill-imsemmija sentenza tal-Board tal-Kera, li għandha tibqa' mingħajr effett, u in difett dina l-Onorabbli Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenut għandu *jiftaħ il-bieb li mill-fond 13 Żurrieq Road*, Birżebbuġa, jagħti għall-bitħa u ġnien ta' l-istess fond; u jekk il-konvenut jonqos li jagħmel dan, jiġi awtorizzat li jagħmlu l-attur a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat minn dina l-istess Qorti, u l-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni li kkawża lill-attur bl-aġir tiegħu illegali, *jiġi likwidat l-ammont tad-danni mill-attur sofferti, u l*-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma fil-qosor dawn* li ġejjin. Il-konvenut talab quddiem il-Board tal-Kera li jerġa' jieħu taħt idejh il-fond numru 132 Pretty Bay, Birżebbuġa, okkupat mill-attur, u offrielu bħala "alternative accommodation" il-fond numru 13 Żurrieq Road, Birżebbuġa. Il-Board, b'sentenza tas-26 ta' Settembru 1951, laqa' t-talba, b'dana li l-fond offert kellu jikkomprendi r-remissa li tinsab mad-dar fejn il-lum ir-rikorrent għandu "Wines & Spirits Licence", u b'dan li t-terminu għall-iżgumbrament kellu jkun ta' sitt xhur mill-ġurnata tas-sentenza. Fit-28 ta' Marzu 1952 il-konvenut ottjena mill-imsemmi Board il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-attur. Dana, b'rikors tal-1 ta' April 1952, talab is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat, jew żmien raġjonevoli biex jistitwixxi l-proċeduri meħtieġa quddiem il-Qorti kompetenti. Il-konvenut, fir-risposta tiegħu tat-2 ta' April 1952, oppona ruħu għat-talba u rrileva li s-sentenzi tal-Board huma eżegwibili mill-Board stess, b'mod li d-domanda ta' l-attur, jekk akkolta, kienet tkun triq faċili biex tiġi eluża l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Il-Board, b'digriet tat-3 ta April 1952, ipprefiġġa lill-attur ħmistax il-ġurnata żmien biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti, u ordna li sa dan it-tant l-eżekuzzjoni tal-mandat kellha tibqa' sospiża. Biċ-

ċitazzjoni odjerna l-attur, wara li ppremetta li ġranet qabel ma għalqu s-sitt xhur lilu mogħtija mill-Board il-konvenut naqqas mill-kumditajiet tal-fond, billi mbarra l-bieb li jagħti għall-bitħa u għall-ġnien, u għalhekk dan il-fond ma baqgħax "available" u "suitable", bħala konsegwenza talab (1) id-dikjarazzjoni li l-konvenut iddekada mid-drittijiet lilu derivanti missentenza tal-Board, (2) u in difett fissazzjoni ta' terminu lillkonvenut biex jiftaħ il-bieb, u jekk jonqos, l-attur ikun awtorizzat jiftħu hu, (3) dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenut għad-danni li bl-aġir tiegħu illegali kkaġuna lill-attur, (4) il-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, (5) u l-kundanna tal-konvenut li jħallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel u t-tieni domanda l-konvenut eċċepixxa l-inkompetenza ta' din il-Qorti, peress li dawn għandhom bħala oġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq miġjuba, li fiha ħadd ma jista' jindaħal ħlief il-Board;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm huwa eżatt dak li rrileva l-konvenut, li l-Board għandu l-poter, b'liġi espressa, li jagħti eżekuzzjoni għas-sentenzi tiegħu (art. 21 (2) Kap. 109, u art. 2 tar-Reletting of Urban Property Regulations publikati b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 238/1931), dan ma jwassalx ineluttabilment u dejjem għall-konklużjoni li kull kwistjoni li jista' jkollha xi influwenza jew riperkussjoni fuq l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Board għandha tiġi diskussa u definita biss minn dak il-Board. Dawk il-poteri ġew lill-Board mogħtija b'applikazzjoni ta' l-art. 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jiċċirkoskrivi dawk il-poteri għall-eżekuzzjoni "ut sic", iżda ma jikkomprendux neċessarjament il-kwistjonijiet kollha li jistgħu, fl-aħħar mill-aħħar, ikollhom xi influwenza fuq dik l-eżekuzzjoni. Il-prattika kostanti tgħallem li jistgħu jingħataw każi fejn dina l-eżekuzzjoni tiġi ostakolata minn dritt jew pretensjoni li l-Awtorità li tkun tat is-sentenza ma tkunx kompetenti li tiddeċidi, bil-konsegwenza li għal dak l-iskop trid tiġi adita l-awtorità skond il-liġi kompetenti, diversa ħafna drabi minn dik li tkun emanat is-sentenza li tagħha tkun qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni.

Issa, il-Board, meta bid-digriet tiegħu tat-3 ta' April 1952 issospenda l-eżekuzzjoni tal-mandat, mhux biss għamel dak li kellu l-fakoltà jagħmel (ladarba kellu anki l-jedd li jirrespingi l-mandat), iżda ġie anki kkonoxxa li l-kawżi addotti mill-attur għas-sospensjoni kienu joħorġu mill-isfera tiegħu. Il-Board difatti kien ġà eżawrixxa l-ġurisdizzjoni tiegħu bis-sentenza ta' l-iżgumbrament, u għalhekk għamel sewwa li ma ndaħalx fil-kwistjonijiet li kienu jiffurmaw oġġett ta' kawża ġdida;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel żewġ domandi taċ-ċitazzjoni ma jirrigwardawx fihom infushom l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Board, iżda s-sustanza u l-eżistenza tad-drittijiet rikonoxxuti lill-konvenut b'dik is-sentenza. Mhix qiegħda tiġi proprjament attakkata l-eżekuzzjoni ta' l-istess sentenza (infatti ntalbet mhux ir-revoka, iżda s-sospensjoni tal-mandat), imma qiegħed jiġi mpunjat id-dritt tal-konvenut li jieħu pussess tal-post oġġett ta' dik is-sentenza—żewġ kwistjonijiet għal kollox differenti. Għalhekk sewwa l-Qorti ta' l-Appell tar-Reġina, f'każ analogu, stabbiliet illi "meta jkun hemm kwistjoni fuq riżoluzzjoni ta' kuntratt ta' lokazzjoni, jew jekk min ikun jokkupa fond għandux dritt ikompli jokkupah, huma kompetenti t-tribunali ordinarji" (Kollez. Vol. XXIX—1—1327);

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 262 fuq ċitat għandu jiġi nterpretat restrittivament u b'limitazzjoni għall-inċidenti biss li jirrigwardaw direttament l-eżekuzzjoni tas-sentenza; u dan għaliex, kif ġie fuq rilevat, is-sentenza tkun ġà eżawriet il-poter ta' l-awtorità li tkun tatha, li għalhekk ma jibqgħalhiex, bħala regola, poteri oħra li tieħu konjizzjoni ta' l-oġġett ta' dik il-kawża. Kieku ma kienx hekk, u kieku kull kwistjoni riflettenti l-eżekuzzjoni kellha tiġi quddiem dik l-awtorità, tista' tavvera ruħha l-assurdità li l-Board ikollu, per eżempju, jidħol fil-meritu ta' ritassa ta' spejjeż relativa għal kawża ġà minnu deċiża, bħala inċident konness ma' l-eżekuzzjoni tas-sentenza minnu ġà mogħtija, mentri hu magħruf li r-ritassa ta' spejjeż ġudizzjarji għandha ssir f'ġudizzju separat;

Hawn ta' min jirriproduċi l-insenjament maġistrali ta' Ricci :— "Le norme speciali regolatrici della competenza in materia di esecuzione si applicano ove si tratti di giudizio ese-

cutivo; ma se la quistione, sebbene sorta in occasione di atti esecutivi, non dà però vita ad un giudizio esecutivo, viene meno l'applicazione delle accennate speciali norme e si rientra nelle regole generali che governano la competenza ordinaria. La sentenza di merito ha condannato taluno alla consegna di un oggetto mobile; iniziata dall'attore la relativa esecuzione, si accorge che la cosa mobile da consegnarsi è deteriorata. Spetta al giudice dell'esecuzione il pronunziarsi su tale decisione? Sì, si è risposto, perchè il litigio trae la sua origine di essere da una esecuzione mobiliare. Ma preferiamo di tenere il contrario". U peress li l-kreditur kien talab, bħalma sar fil-każ tagħna, id-danni, l-istess awtur ikompli jgħid :— "La chiesta indennità........... importa una indagine sulla coipà di colui che la ritiene, e sulla responsabilità da questa derivante. Ma questa indagine dà vita ad un nuovo giudizio di merito, diversa da quello già terminato con la sentenza che si tentò porre ad esecuzione. Dunque non può considerarsi come incidente della esecuzione, dal momento che non si tratta più di eseguire la sentenza............. (Commento al Codice di Procedura Civile Italiana, Vol. III, no. 47 bis, ediz. 1905);

Ikkunsidrat fl-aħħarnett;

Illi l-kompetenza tal-Board tal-Kera (li mhux tribunal) hija speċjali u limitata, mentri dik ta' dina l-Qorti hija ġenerali u mingħajr limiti; u konsegwentement f'każ ta' konkors jew ta' dubju, għandha tirbaħ il-Qorti ordinarja (v. Digesto Italiano, Competenza Civile, no. 161);

Għal dawn ir-raġunijiet dina l-Qorti tiddikjara li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni anki ta' l-ewwel żewġ domandi; u konsegwentement tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza opposta mill-konvenut;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-konvenut.